REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1355

tat-12 ta' Awwissu 2021

dwar programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċidi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fost l-oħrajn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni. Dan jipprevedi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali b'rabta ma' sustanzi li l-użu tagħhom jista' jwassal għal residwi ta' dawk is-sustanzi fl-ikel u fl-għalf.

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/625 iħassar l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li madanakollu jibqa' applikabbli sal-14 ta' Diċembru 2022, diment li ma tiġix stabbilita data iżjed bikrija minn att delegat. Dak l-Artikolu 30 jistipula rekwiżiti speċifiċi biex jiġu stabbiliti programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċida bl-użu doppju li jistmaw l-esponiment tal-konsumaturi u l-konformità mal-leġiżlazzjoni.

(3) L-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) 2017/625 jipprevedi r-rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjanijiet nazzjonali pluriennali ta' kontroll. Madankollu, dawn ma jqisux l-arranġamenti prattiċi u speċifiċi meħtieġa għall-preparazzjoni ta' programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċida.

(4) Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għall-preparazzjoni ta' programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċida, li jenħtieġ li jkunu parti mill-pjanijiet nazzjonali pluriennali ta' kontroll. Huwa partikolarment importanti li niżguraw li r-reġim ta' kontroll iqis l-użu tal-espożizzjoni tal-konsumaturi u l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(5) Minħabba li l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 mhux se japplika iżjed mill-15 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn dik id-data 'l quddiem.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċida

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċida, bħala parti mill-pjan nazzjonali pluriennali ta' kontroll rispettiv tagħhom. Huma għandhom jaġġornaw il-programm pluriennali tagħhom kull sena.

2. Dawk il-programmi għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskji u jkollhom l-għan li jistmaw l-esponiment tal-konsumaturi u l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Huma għandhom jispeċifikaw mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) il-prodotti li minnhom għandhom jittieħdu kampjuni;

(b) in-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u l-analiżijiet li għandhom isiru;

(c) il-pestiċidi li għandhom jiġu analizzati;

(d) il-kriterji li għandhom jiġu applikati fit-tfassil ta' dawn il-programmi, inkluż:

  (i) il-kombinazzjonijiet ta' pestiċida u prodott li għandhom jiġu magħżula;

  (ii) in-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' prodotti domestiċi u mhux domestiċi rispettivament;

  (iii) il-konsum tal-prodotti bħala sehem mid-dieta nazzjonali;

  (iv) il-programm ta' kontroll tal-Unjoni; u

  (v) ir-riżultati tal-programmi nazzjonali pluriennali ta' kontroll ta' qabel.

3. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fil-programm pluriennali ta' kontroll tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Diċembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN